GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-KULTURA,
L-ARTIJIET U L-GVERN LOKALI

DIVIŻJONI GĦALL-GVERN LOKALI

# Ċirkulari Numru 5/2025
# Għeluq tas- Sena Finanzjarja 2025

**Lil:** Presidenti, Viċi Presidenti, Membri u Segretarji Eżekuttivi, Kunsilli Reġjonali Sindki, Viċi Sindki, Kunsillieri u Segretarji Eżekuttivi, Kunsilli Lokali, President, Viċi President, Membri, Segretarju Eżekuttiv, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

**Mingħand:** Id-Direttur, Gvern Lokali (Finance and Procurement Compliance)

**Data:** 6 ta' Novembru, 2025

## 1. Skop taċ-Ċirkulari

Din iċ-Ċirkulari hija bi preparazzjoni għall-proċess ta' verifika tal-kontijiet tal-Kunsilli Lokali u Reġjonali kif ukoll tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali għas-sena finanzjarja 2025 u tinkludi tabella li turi l-iskadenzi importanti li għandhom jiġu osservati sabiex l-istqarrijiet finanzjarji jiġu sottomessi lill-Awditur Ġenerali f'waqthom.

Fl-imgħoddi kien hemm diversi drabi fejn l-istqarrijiet finanzjarji ma kinux magħmula kif suppost u/jew waslu tard għand l-Awditur Ġenerali. Dan m'għandux ikun u kull Segretarju Eżekuttiv għandu jara li dan ma jiġrix. Fl-2024 kien hemm titjib fin-numru ta' sottomissjonijiet fil-ħin. Huwa essenzjali li għall-2025, l-ebda kunsill ma jonqos milli jżomm mal-perjodi stabbiliti.

Anness ma' din iċ-ċirkulari, għandkom issibu dokument li jipprovdi gwida dettaljata dwar il-preparazzjonijiet meħtieġa mis-Segretarju Eżekuttiv biex ikun iffaċilitat l-proċess ta' verifika. Dan jinkludi wkoll ir-responsabbiltajiet tas-Certified Public Accountant, b'emfasi fuq l-istqarrijiet finanzjarji u l-awditjar.

Il-Kunsilli Lokali u Reġjonali għandhom jgħaddu kopja ta' din iċ-ċirkulari lill-accountant għall-attenzjoni tiegħu.

**<u>Avviż importanti</u>**

Wara intervent mid-direttorat, l-iskadenza għas-sottomissjoni tal-istqarrijiet finanzjarji awditjati m'għadhiex it-30 ta' Ġunju, iżda tkun **tliet ġimgħat minn meta l-Kunsill ikun irċieva t-talba mill-Awditur tal-Gvern Lokali għall-aġġustamenti.**

Huwa importanti li s-Segretarju Eżekuttiv jiżgura li d-dokumenti kollha meħtieġa mill-Awditur tal-Gvern Lokali ikunu mħejjija minn qabel sabiex jippermettu lill-awdituri tal-Gvern Lokali jtemmu x-xogħol bla dewmien.

26, Triq l-Arċisqof, Il-Belt Valletta, MALTA
t + 356 20908600 | e info.dlg@gov.mt | www.localgovernmentdivision.gov.mt

## 2. Tabella ta' Skadenzi li s-Segretarju Eżekuttiv huwa responsabbli għalihom

| Sa mhux iktar tard minn | Dettalji |
|---|---|
| **28 ta' Novembru, 2025** | Ikun sar kuntatt mal-Awditur tal-Gvern Lokali biex ikunu mifthiema d-dati tal-'*fieldwork*' għas-sena 2025. Dawn id-dati għandhom jiġu ffissati bil-quddiem u kkomunikati bil-miktub. Id-DGL għandha tkun infurmata bid-dati permezz ta' email lil **compliance.dlg@gov.mt** |
| **16 ta' Jannar, 2026** | Is-softwer tal-kontabilità ikun aġġornat bit-tranżazzjonijiet li saru sal-aħħar ta' Diċembru 2025. |
| **16 ta' Jannar, 2026** | Ikunu sottomessi l-bilanċi tal-kontijiet bankarji u 'Aged Creditors List' kif jirriżulta fl-aħħar tas-sena fit-templates mehmuża ma' dan id-dokument permezz ta' email lil compliance.dlg@gov.mt. Din hija informazzjoni li tkun mitluba mil-Ministeru tal-Finanzi kull sena. |
| **Matul il-laqgħa tal-Kunsill ta' Jannar** | Jara li d-data għal-laqgħa ta' Frar, li matulha jkun approvat l-abbozz tal-istqarrijiet finanzjarji (unaudited financial statements) għandha ssir qabel is-27 ta' Frar, biex tippermetti s-sottomissjoni fil-ħin mis-segretarju eżekuttiv. Jekk hemm riskju li l-laqgħa ma ssirx sal-iskadenza stipulata, il-kunsill għandu jikkunsidra li ssir laqgħa b'urġenza għal dan l-iskop biss. Id-DGL għandha tkun infurmata b'tali dati permezz ta' email lil **compliance.dlg@gov.mt** |
| **27 ta' Frar, 2026** | L-abbozz tal-istqarrijiet finanzjarji (unaudited financial statements) jiġu approvati mill-Kunsill Lokali jew Reġjonali, ffirmati u datati mis-Segretarju Eżekuttiv u mill-President/Sindku flimkien ma dokumenti oħra elenkati fl-Appendiċi 1 ta' din iċ-ċirkulari.<br><br>L-abbozz tal-istqarrijiet finanzjarji għandhom jintbagħtu lill-Awditur Ġenerali fuq **nao.malta@gov.mt**, u lid- DGL fuq **compliance.dlg@gov.mt**<br><br>Kopja tal-abbozz tal-istqarrijiet finanzjarji flimkien ma dokumenti oħra elenkati fl-appendiċi 1 ta' din iċ-ċirkulari għandhom jintbagħtu wkoll lil Awditur tal-Gvern Lokali.<br><br>Kopja tal-abbozz għandha tintbagħat <u>**biss**</u> b'forma diġitali. |
| **Bejn Marzu u Ġunju , 2026** | Dan huwa l-perjodu tal-***Fieldwork*** mill-Awditur tal-Gvern Lokali |

| | |
|---|---|
| **Mhux iktar tard minn ġimgħa minn meta l-Kunsill ikun irċieva l-aġġustamenti mingħand l-Awdituri tal-Gvern Lokali** | Il-Kunsilli għandhom jaraw li d-data tal-laqgħat tal-kunsill jieħdu in konsiderazzjoni dawn l-iskadenzi u s-Sindku għandu jikkonsidra li tissejjaħ laqgħa b'urġenza jekk ikun hemm il-ħtieġa.<br><br>Id-DGL għandha tkun infurmata b'tali dati permezz ta' email lil **compliance.dlg@gov.mt** |
| **Mhux iktar tard minn tliet ġimgħat minn meta l-Kunsill ikun irċieva l-aġġustamenti mingħand l-Awdituri tal-Gvern Lokali** | L-aġġustamenti mitluba mill-Awditur tal-Gvern Lokali isiru bla dewmien fi żmien massimu ta' tliet ġimgħat, filwaqt li jinżamm reġistru bid-dati tal-emails li jitolbu l-aġġustamenti sabiex jinżamm traċċar xieraq tal-awditjar.<br><br>Ladarba l-aġġustamenti jkunu lesti u approvati, is-Segretarji Eżekuttivi għandhom jissottomettu seba' kopji tad-Dikjarazzjonijiet Finanzjarji Awditjati, iffirmati u approvati mill-kunsill lil Awdituri tal-Gvern Lokali. Kopja diġitali għandha tintbagħat lid-DLG fuq compliance.dlg@gov.mt.<br><br>L-Awdituri tal-Gvern Lokali se jkunu qegħdin jibgħatu d-data ta' meta ġew mibgħuta t-talbiet għall-aġġustamenti lill-kunsill, lid-DGL. Id-data ta' skadenza tas-sottomissjoni hija ta 3 ġimgħat minn din id-data. |
| **Sa mhux iktar tard minn sitt ġimgħat minn meta l-Kunsill jirċievi l-Ittra ta' Direzzjoni mingħand l-Awdituri tal-Gvern Lokali** | Tkun mogħtija risposta għall-Ittra ta' Direzzjoni (*Management Letter*) indirizzata lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, lill-Awditur tal-Gvern Lokali, u lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali f'forma diġitali li tintbagħat lill-Awditur Ġenerali fuq nao.malta@gov.mt, u lid-DGL fuq compliance.dlg@gov.mt. M'hemmx bżonn li tintbgħat kopja fiżika. |

## 3. Proċedura għall-istandardizzazzjoni tad-data miġbura mid-DGL

| Sa mhux iktar tard minn | Dettalji |
|---|---|
| **27 ta' Frar, 2026** | Soft copy tad-data sheet (excel format) inkluża fl-Appendiċi 2 ta' din iċ-ċirkulari, mimlija mill-accountant għandha tintbagħat lid-DGL fuq **compliance.dlg@gov.mt** fuq il-bażi ta' dikjarazzjonijiet finanzjarji mhux awditjati. |
| **Fl-istess jum meta l-istqarrijiet finanzjarji awditjati jkunu finalizzati u ppreżentati lill-Awdituri tal-Gvern Lokali** | Soft copy tad-data sheet (excel format) inkluża fl-Appendiċi 2 ta' din iċ-ċirkulari, mimlija mill-accountant flimkien ma' kopja elettronika tal-istqarrijiet finanzjarji aġġustati għandha tintbagħat lid-DGL fuq **compliance.dlg@gov.mt** fuq il-bażi ta' dikjarazzjonijiet finanzjarji awditjati, jiġifieri wara li jkunu saru l-aġġustamenti. |

**IFFIRMATA**

Clare Bugeja
Id-Direttur, Gvern Lokali (Finance and Procurement Compliance)

Kopji: Ministru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali
Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali
Segretarju Permanenti, MCLG
Awditur Ġenerali
Direttur Ġenerali (Gvern Lokali)
Direttur, Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport)
Direttur, Gvern Lokali (Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy)
President, AKL
President, ANSEK